KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-18 ta' Ottubru 2012 [1]

Kawża C-460/09 P

Inalca SpA – Industria Alimentari Carni,
Cremonini SpA
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza"

I – Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tagħhom, Inalca SpA – Industria Alimentari Carni (iktar 'il quddiem "Inalca") u Cremonini SpA (iktar 'il quddiem "Cremonini") qegħdin jitolbu l-annullament tad-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-Qorti Ġenerali) tal-4 ta' Settembru 2009, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (T-174/06, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat"), li bih din ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-kumpens għad-danni allegatament subiti mill-appellanti wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fis-6 ta' Lulju 1998, lill-awtoritajiet Taljani tal-konklużjonijiet ta' investigazzjoni li jimplikaw ir-responsabbiltà tagħhom (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998") [2].

2. Għandu jiġi enfasizzat li l-appellanti, Inalca u Cremonini jsostnu, mingħajr ma sabu kontestazzjoni fuq dan il-punt mill-Kummissjoni, li huma tneħħielhom kull suspett kontrihom wara l-proċeduri nazzjonali li kienu nbdew wara l-imsemmija ittra tal-Kummissjoni. Konsegwentement, fl-2006, il-Kummissjoni waqqfet il-proċedura ta' rkupru li l-appellanti kienu suġġetti għaliha minħabba l-elementi msemmija fl-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998.

3. Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba b'mod partikolari tiddeċiedi fuq it-terminu ta' preskrizzjoni li japplika għal azzjoni għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari fuq il-kriterji li jistabbilixxu l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu msemmi fil-każ ineżami.

II – Il-fatti u l-proċeduri nazzjonali u Komunitarji

4. Inalca u Cremonini jagħmlu parti minn grupp ta' kumpanniji li joperaw fil-produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti intiżi għall-industrija tal-ikel, kif ukoll fir-ristoranti.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — L-imsemmija investigazzjoni saret mill-Unità għall-Koordinament tal-Prevenzjoni tal-Frodi (UCLAF) tal-Kummissjoni sabiex tiġi vverifikata l-legalità ta' ċertu ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga destinat għall-Ġordan.

5. Wara investigazzjoni li bdiet fil-Ġordan fix-xhur ta' Frar u ta' Marzu 1998, fil-kuntest tas-sistema tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet Taljani, permezz ta' ittra tas-6 ta' Lulju 1998, li fuq total ta' 37 978 tunnellati ta' laħam taċ-ċanga esportati barra mill-Komunità Ewropea mingħajr ebda dikjarazzjoni doganali ta' tqegħid fis-suq tal-Ġordan, 2 272 tunnellati minnhom kienu ġejjin mill-Italja. F'din l-ittra, il-Kummissjoni stiednet b'mod partikolari lill-awtoritajiet Taljani sabiex ifittxu isem l-esportatur sabiex jibdew il-proċeduri ta' rkupru għall-ħlas lura fuq l-esportazzjoni u, jekk tiġi kkonstatata kompliċità, jibdew proċeduri kriminali.

6. Permezz ta' ittri tal-15 ta' Jannar 1999, l-amministrazzjoni Taljana kompetenti nnotifikat lil Inalca u lil Cremonini bid-deċiżjonijiet tal-irkupru għall-ħlas lura fuq l-esportazzjoni kkontestati (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999"[3]. L-appellanti ppreżentaw rikorsi amministrattivi kontra d-deċiżjonijiet imsemmija, li ġew miċħuda permezz ta' deċiżjonijiet tas-7 ta' Marzu 2000.

7. Fis-16 ta' Frar 1999, ir-riżultati tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni ġew ikkomunikati mill-awtoritajiet Taljani lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti Taljana, li wasslu għall-bidu ta' proċedura kriminali kontra r-rappreżentanti legali tal-appellanti.

8. Fit-30 ta' Novembru 1999, l-appellanti ħarġu żewġ poloz ta' garanzija ("polizze fideiussorie") sabiex jiksbu s-sospensjoni tal-proċedura ta' rkupru tal-ammonti li għandhom jitħallsu lura.

9. L-ilment li wassal għall-investigazzjoni kriminali ġie arkivjat fit-18 ta' Diċembru 2002. Permezz ta' sentenza ċivili mogħtija fis-16 ta' Jannar 2004, ġie kkonstatat li l-ilmenti magħmulin kontra Inalca, insostenn tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999, kienu infondati u li l-ammont li ntalab ir-rimbors tiegħu ma kienx dovut minn Inalca. Permezz ta' sentenza ċivili mogħtija fis-27 ta' April 2005, Cremonini bbenefikat minn konstatazzjonijiet simili.

10. Permezz ta' ittri tat-22 u t-23 ta' Marzu 2004 rispettivament, l-awtoritajiet Taljani laqgħu t-talba ta' Inalca biex tiġi rtirata d-deċiżjoni ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 199 li tikkonċernaha u l-polza ta' garanzija magħmula minn din il-kumpannija ġiet irrilaxxata. Bl-istess mod, permezz ta' ittri tat-22 u t-23 ta' Diċembru 2004 rispettivament, it-talba ta' Cremonini biex tiġi rtirata d-deċiżjoni ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999 li tikkonċernaha ġiet milqugħa u l-polza ta' garanzija magħmula minn din il-kumpannija ġiet irrilaxxata.

11. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2005, Inalca talbet lill-Kummissjoni tħallasha kumpens għad-danni li hija subiet minħabba l-investigazzjoni mibdija mill-Kummissjoni u l-konklużjonijiet mibgħuta mill-istess Kummissjoni lill-awtoritajiet Taljani. Permezz ta' ittra tal-15 ta' April 2005, il-Kummissjoni[4] informat lil Inalca li hija ma setgħatx tilqa' din it-talba għall-kumpens, peress li l-eventwali dritt għal kumpens huwa fi kwalunkwe preskritt, skont l-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

3 — L-imsemmija deċiżjonijiet isemmu l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70, tal-21 ta' April 1970, dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 94, p. 13), li fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi: "L-Istati Membri għandhom jieħdu, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, il-miżuri neċessarji biex [...] jiżguraw il-veraċità u l-legalità tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi, [...] jipprevjenu u jieħdu proċeduri kontra l-irregolaritajiet [u] jirkupraw l-ammonti mitlufa minħabba l-irregolaritajiet jew minħabba negliġenza" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda għal dawn l-għanijiet u b'mod partikolari dwar l-istat tal-amministrazzjoni u l-proċeduri ġudizzjarji.

4 — L-imsemmija ittra ntbagħtet mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li ssuċċeda fid-dritt lill-UCLAF.

12. Permezz ta' Deċiżjoni Nru 2006/678/KE, tat-3 ta' Ottubru 2006[5] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2006"), il-Kummissjoni rtirat l-irregolaritajiet fil-ħlas lura fuq l-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga lejn il-Ġordan innotifikati lir-Repubblika Taljana mil-lista ta' komunikazzjonijiet previsti fl-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91, tal-4 ta' Marzu 1991, dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa ħażin b'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' tagħrif f'dan il-qasam u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 283/72 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol 11 p. 171).

13. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Marzu 2006, l-appellanti talbu lill-Kummissjoni biex tikkumpensahom tad-danni subiti, stmati f'total ta' EUR 2 861 000. Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

III – Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

14. B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Ġunju 2006, l-appellanti ppreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali li bih huma talbu li tiġi kkonstatata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità u l-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tad-danni allegatament subiti, stmati f'valur ta' EUR 2 861 000, u għall-ħlas tal-interessi kumpensatorji relatati magħhom kif ukoll l-interessi moratorji eventwali.

15. Permezz ta' att separat tat-18 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni ressqet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fuq il-bażi li r-rikors huwa inammissibbli minħabba l-preskrizzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

16. Għal dak li jikkonċerna l-ammissibbiltà, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 46 tad-digriet appellat, li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità jibda jiddekorri minn meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li għalihom huwa suġġett l-obbligu tal-kumpens, b'mod partikolari meta d-dannu li għandu jissewwa jikkonkretizza ruħu. Fil-punt 47 tad-digriet appellat, hija fakkret li fil-każijiet fejn ir-responsabbiltà tal-Komunità toriġina minn att leġiżlattiv, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn meta l-effetti tad-dannu ta' dak l-att ikunu seħħew. Hija ppreċiżat li fil-kwistjonijiet li jqumu, bħal f'dan il-każ, minn atti individwali, dan it-terminu jibda jiddekorri biss mill-mument li fih ikun seħħ effettivament id-dannu. Minn dan hija kkonkludiet, fil-punt 49 tad-digriet appellat, li d-determinazzjoni tal-mument preċiż li fih l-allegati effetti dannużi seħħew b'mod effettiv fir-rigward tal-appellanti għandha ssir billi jiġu eżaminati sussegwentement id-danni materjali u d-dannu morali li għalihom l-appellanti qegħdin jitolbu kumpens.

17. Fir-rigward tad-dannu materjali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-ewwel nett, fil-punt 51 tad-digriet appellat, li d-dannu marbut mal-produzzjoni tal-poloz ta' garanzija ma' kumpannija tal-assigurazzjoni seħħ b'mod ċert fit-30 ta' Novembru 1999, data li fiha l-appellanti ħarġu dawn il-poloz, u ċaħdet għaldaqstant l-argument tal-appellanti fejn qalu li l-effetti dannużi tal-ittra inkwistjoni seħħew b'mod ċert biss malli ġiet adottata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat madankollu, fil-punti 59 u 64 tad-digriet appellat, li d-dannu li jinvolvi l-ispejjeż marbutin mal-produzzjoni tal-poloz ta' garanzija kien ta' natura kontinwa u li r-rikors intiż għall-kumpens għal dan id-dannu kien ammissibbli inkwantu jikkonċerna l-kuntratti li saru wara s-27 ta' Ġunju 2001.

5 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament finanzjarju li għandu jiġi applikat, fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-ispejjeż iffinanzjati mit-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FEOGA), f'ċerti każi ta' irregolarità minn operaturi (ĠU L 278, p. 24) (ara p. 31 ta' din id-deċiżjoni).

18. Fir-rigward, imbagħad, tal-ispejjeż inkorsi għas-servizzi ta' assistenza u konsulenza legali, kif ukoll tal-ispejjeż tal-persunal li ġab miegħu l-ġestjoni tal-fajl inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 71 u 73 tad-digriet appellat, li d-danni magħmulin minn dawn l-ispejjeż kienu ta' natura istantanja, u li konsegwentement, it-talba għall-kumpens li tikkonċernahom kienet preskritta.

19. Fl-aħħar nett, għal dak li jikkonċerna t-talba għall-kumpens tad-dannu allegatament subit fil-forma ta' profitt mitluf minħabba t-tnaqqis tad-disponibbiltà finanzjarja minħabba l-ħlas tal-primjums li sar biex joħorġu l-poloż ta' garanzija u l-ispejjeż ta' assistenza u konsulenza legali kif ukoll l-ispejjeż tal-persunal, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 74 tad-digriet appellat, li t-talba tal-appellanti kienet nieqsa mill-preċiżjoni neċessarja u kellha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

20. Għal dak li jirrigwarda d-dannu morali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 77 tad-digriet appellat, li l-azzjoni f'dan ir-rigward kienet preskritta, inkwantu d-dannu allegat kien seħħ malli nbdew dawn il-proċeduri, fl-1999 u fl-2000, jiġifieri iktar minn ħames snin qabel il-preżentata tar-rikors. Fil-punt 78 tad-digriet appellat, hija ċaħdet l-argument tal-appellanti li bih sostnew li dan id-dannu kien ta' natura kontinwa sal-ġurnata tas-sentenza tas-27 ta' April 2005 u żiedet tgħid, fil-punt 79 tad-digriet imsemmi, li fi kwalunkwe każ, l-appellanti llimitaw ruħhom biex jinvokaw l-effett fuq ir-reputazzjoni kummerċjali tagħhom mingħajr ma pprovdew l-iċken prova dwar dan. Minn dan, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 81 tad-digriet appellat, li r-rikors kien ammissibbli biss inkwantu jitlob il-kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-ħlas tal-primjums marbutin mal-poloz ta' garanzija b'effett mis-27 ta' Ġunju 2001.

21. Fuq il-mertu, wara li fakkret il-ġurisprudenza stabbilita li tistabbilixxi li l-konstatazzjoni ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, kienet suġġetta għall-fatt li jkunu sodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità tal-aġir li bih tkun akkużata l-istituzzjoni, il-veraċità tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 85 tas-sentenza appellata, li peress li waħda mit-tliet kundizzjonijiet għall-konstatazzjoni tar-responsabbiltà tal-Komunità ma kinitx sodisfatta, it-talbiet għall-kumpens kellhom jiġu miċħuda, mingħajr il-bżonn li jiġi eżaminat jekk iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra kinux sodisfatti.

22. Fil-punt 90 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, mingħajr il-bżonn li tiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-imputabbiltà lill-Komunità tad-dannu kkaġunat bid-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999, id-dannu li rriżulta mill-produzzjoni tal-poloz ta' garanzija ma kienx ikkaġunat direttament bl-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998.

23. Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 94 tad-digriet appellat, li r-rikors għall-kumpens tad-danni ppreżentat mill-appellanti, għalkemm ammissibbli, kellu jiġi miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.

IV – L-appell u l-appell inċidentali

24. Fl-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla d-digriet appellat u li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll li tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-proċedura dwar il-kawża T-174/06. L-appellanti jressqu seba' aggravji insostenn tal-appell tagħhom.

25. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tirrispondi għal dawn is-seba' aggravji.

26. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat appell inċidentali bbażat fuq żball ta' liġi u titlob b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet appellat inkwantu dan jiddikjara parzjalment ammissibbli r-rikors fl-ewwel istanza u sabiex tikkonkludi l-kawża billi tiċħad dan ir-rikors bħala inammissibbli kollu kemm hu kif ukoll, fi kwalunkwe każ, sabiex tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

V – Analiżi

27. Fid-dawl tan-natura deċiżiva tiegħu, jeħtieġ li jiġi eżaminat fl-ewwel lok l-appell inċidentali ppreżentat mill-Kummissjoni.

A – *Fuq l-appell inċidentali tal-Kummissjoni*

1. L-argumenti tal-Kummissjoni

28. Permezz tal-appell inċidentali tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-ġurisprudenza tagħha dwar id-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni għall-kawżi għad-danni fil-kawżi li ma humiex dawk fejn ir-responsabbiltà toriġina minn att leġiżlattiv.

29. Prinċipalment, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 46 u 47 tad-digriet appellat, li d-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni f'dan il-każ hija dik meta jkunu seħħew l-effetti dannużi tal-att. Hija tfakkar li ġiet stabbilita sistema partikolari fil-każ fejn ir-responsabbiltà tal-Unjoni toriġina min att leġiżlattiv. Dan isib spjegazzjoni minħabba l-partikolarità tad-dannu li joriġina minn att leġiżlattiv li l-individwi jsofru l-effetti tiegħu biss sussegwentement, iżda dan ma japplikax f'każijiet oħra fejn ir-responsabbiltà toriġina b'mod partikolari minn atti jew fatti materjali.

30. Sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta fil-punt 47 tad-digriet appellat iddeċidiet li l-azzjoni għall-kumpens li kellha quddiemha kienet tikkonċerna kwistjoni li oriġinat minn atti individwali fis-sens tas-sentenza Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni [6], peress li dak ma kienx att individwali li jipproduċi xi effetti vinkolanti fil-konfront tad-destinatarju tiegħu.

31. B'mod iktar sussidjarju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta biddlet arbitrarjament il-kriterji adottati fis-sentenza Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Il-Kummissjoni ssostni li, f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data tal-fatt dannuż, jiġifieri b'effett mis-6 ta' Lulju 1998, li hija d-data tal-ittra tal-Kummissjoni, jew l-iktar tard possibbli, mid-data li l-appellanti saru jafu bl-imsemmija ittra, jiġifieri permezz tad-deċiżjoniijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999 [7].

32. Barra minn hekk, meta d-danni invokati jkunu ta' natura kontinwa, il-Kummissjoni tosserva li, fil-prattika, l-azzjoni għar-responsabbiltà tista' tibqa' miftuħa, għall-finijiet ta' kumpens anki parzjali, għal tul ta' perijodu twil ħafna, sakemm jiskadu l-ħames snin b'effett mill-mument li fih ir-rikorrent ikun ilmenta mill-aħħar konsegwenzi dannużi tal-att li jkun is-suġġett tal-ilment. It-terminu ta' preskrizzjoni ma jibqax ikollu bħala funzjoni li jostakola l-eżerċizzju tal-azzjoni, iżda biss li jillimita l-ammont tad-dannu kumpensabbli għad-danni subiti matul l-aħħar ħames snin li ppreċedew il-preżentata tar-rikors.

6 — Sentenza tal-19 ta' April 2007 (C-282/05 P, Ġabra p. I-2941, punt 29)

7 — Fil-punt 16 tar-risposta u tal-appell inċidentali, il-Kummissjoni tirreferi għall-15 ta' Lulju 1999. Jidhirli madankollu li dan huwa żball ċar fil-kitba u li għandu jaqra "15 ta' Jannar 1999", kif jidher f'punti oħra tad-dokument imsemmi.

33. L-appellanti jsostnu li l-appell inċidentali tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

2. Analiżi

34. Fil-kuntest tal-appell inċidentali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tivverifika jekk il-Qorti Ġenerali ddeċidietx b'mod korrett meta qieset li t-terminu tal-preskrizzjoni jibqa' jiddekorri mill-mument stabbilit fid-digriet appellat.

35. Għal dak li jikkonċerna l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, "[l]-azzjonijiet kontra l-Komunitajiet f'materja ta' responsabbiltà non-kontrattwali jiġu preskritti b'ħames snin li jingħaddu minn meta jiġri l-fatt li jagħti lok għalihom".

36. Il-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin ġie ppreċiżat fil-ġurisprudenza għal xenarji differenti. Għaldaqstant, f'każijiet fejn ir-responsabbiltà tal-Unjoni tirriżulta minn att leġiżlattiv, dan it-terminu ta' preskrizzjoni ma jistax jibda jiddekorri qabel ma jimmaterjalizzaw l-effetti dannużi tal-att u, għaldaqstant, qabel ma l-partjiet ikkonċernati jkunu ġarrbu dannu ċert [8]. Fil-każijiet ta' kwistjonijiet li joriġinaw minn atti individwali, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri meta d-deċiżjoni tipproduċi l-effetti tagħha fir-rigward tal-persuni li hija ssemmi [9]. Fil-każijiet l-oħra, l-imsemmi terminu ta' preskrizzjoni ma jistax jibda jiddekorri qabel ma jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li għalihom ikun suġġett l-obbligu ta' kumpens u, b'mod partikolari, qabel ma d-dannu li għandu jissewwa jkun ikkonkretizzat [10].

37. Għandhom isiru żewġ kummenti dwar, minn naħa, il-metodi ta' kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni u, min-naħa l-oħra, il-bidu tad-dekorrenza tiegħu.

38. Qabelxejn, għal dak li jikkonċerna l-metodi ta' kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni, għandu jiġi osservat li, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali titlaq mill-idea li d-data deċiżiva biex jiġi analizzat il-punt dwar jekk it-talba li tirrigwarda d-danni hijiex preskritta jew le hija definita skont id-data tal-preżentata tar-rikors quddiemha. Skont dan l-approċċ, id-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni hija dik ta' ħames snin qabel id-data tal-preżentata tar-rikors imsemmi. Peress li r-rikors ġie ppreżentat fis-27 ta' Ġunju 2006, il-Qorti Ġenerali ħadet id-data tas-27 ta' Ġunju 2001 bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni.

39. Issa, tali approċċ li huwa bbażat fuq "kronoloġija bil-maqlub" ma huwiex mingħajr riskju f'dan il-każ. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkontempla, min-naħa l-oħra, l-ordni kronoloġika normali, billi jiddefinixxi l-bidu tad-dekorrenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni skont id-data ta' meta seħħ il-fatt li ħoloq id-dannu [11].

8 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1984, Birra Wührer *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (256/80, 257/80, 265/80, 267/80, 5/81, 51/81 u 282/82, Ġabra p. 3693, punt 15) kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Cantina sociale di Dolianova *et* (C-51/05 P, Ġabra p. I-5341, punt 54).

9 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30).

10 — Ara d-digrieti tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Awwissu 1999, Fratelli Murri vs Il-Kummissjoni (T-106/98, Ġabra p. II-2553, punt 25); tal-14 ta' Settembru 2005, Ehcon vs Il-Kummissjoni (T-140/04, Ġabra p. II-3287, punt 53), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2010, C-Content vs Il-Kummissjoni (T-247/08, punt 53). Min-naħa l-oħra, it-telf ta' interessi ta' kuljum li jiddekorru fuq il-valur tad-dannu ma jipprekludix it-trapass tal-imsemmi terminu. Fil-fatt, peress li l-interessi jiġu kkalkolati fuq il-valur tad-dannu fid-data li fiha jkun ikkonkretizza ruħu d-dannu, l-interessi huma intiżi biss li jwasslu għal kumpens attwalizzat u ma jistgħux jitħalltu mal-fatt li jagħti lok għall-azzjoni, fis-sens tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li jikkostitwixxi l-mument li fih it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri (ara l-punt 28 tad-digriet Fratelli Murri vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq).

11 — Għandha ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni minn dik li kienet ittrattata fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Jannar 2002, Biret International vs Il-Kunsill (T-174/00, Ġabra p. II-17, punt 41). Fil-fatt, f'din l-aħħar sentenza l-effetti dannużi, allegatament ikkaġunati lir-rikorrenti, kienu dovuti minħabba l-adozzjoni u ż-żamma fis-seħħ ta' embargo fuq l-importazzjoni deċiża mill-Komunità. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kienet ippreċiżat li, meta d-dannu ma jkunx ġie kkaġunat istantanjament, iżda seħħ kuljum għal tul ta' ċertu perijodu, minħabba ż-żamma fis-seħħ ta' att illegali, il-preskrizzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tapplika, skont id-data tal-att interruttiv, għall-perijodu ta' iktar minn ħames snin qabel dik id-data, mingħajr ma jaffettwa d-drittijiet akkwiżiti matul il-perijodi sussegwenti. Issa, dan ma huwiex il-każ hanwhekk.

40. Għaldaqstant, għandu jiġi identifikat l-att jew l-okkażjoni imputabbli lil xi istituzzjoni tal-Unjoni li tista' tiskatta d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat dan li ġej.

41. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data tal-fatt dannuż, jiġifieri mid-data tal-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998, jew fi kwalunkwe każ, mid-data li fiha l-appellanti saru jafu b'din l-ittra, jiġifieri dik tad-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999.

42. Skont il-preżentazzjoni tal-fatti stabbiliti mill-Qorti Ġenerali, id-data tal-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998 tidher li tikkorrispondi għall-ewwel data li fiha l-Kummissjoni aġixxiet f'din il-kawża.

43. L-effett dannuż, jekk wieħed jippreżumih li seħħ, jista' effettivament ikun marbut mal-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998. Dan la kien att leġiżlattiv, la att individwali u lanqas, barra minn hekk, att li jista' jiġi kkontestat. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tanalizza dan it-tip ta' dokumenti fil-kawża Nutral vs Il-Kummissjoni [12]. Hija ppreċiżat li din hija forma partikolari ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u Stat Membru. Huwa possibbli li tiġi kklassifikata bħala rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru li tittraduċi ruħha f'obbligi konkreti fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati, identifikata bl-adozzjoni ta' deċiżjoni nazzjonali.

44. Għaldaqstant, jekk l-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998 kienet fil-fatt is-sors tad-danni invokati mill-appellanti, xorta waħda jibqa' l-fatt li fid-dawl tan-natura u tan-nuqqas ta' kompletezza ta' dan id-dokument, dan ma setax, minnu nnifsu, jiskatta l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni f'dan il-każ. L-ittra msemmija kellha neċessarjament tiġi kkonkretizzata u identifikata b'miżuri oħrajn, jiġifieri, f'dan il-każ, id-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999. Dawn ikkonkretizzaw għaldaqstant, id-dannu eventwali billi stabbilixxew l-obbligu ta' ħlas lura u billi identifikaw lill-appellanti. B'effett minn meta rċevew id-deċiżjonijiet, l-appellanti kienu kompletament informati bis-sitwazzjoni u l-konsegwenzi finanzjarji li setgħu jirriżultaw minnhom. Huwa biss bil-bidla fil-pożizzjoni legali tal-appellanti fid-dritt nazzjonali wara li rċevew id-deċiżjonijiiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999 li l-effett dannuż tal-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998 immanifesta ruħu. Għaldaqstant, f'dan il-każ, id-data meta rċevew id-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999 għandha tiġi meqjusa bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni f'dak li jikkonċerna l-involviment tar-responsabbiltà tal-Unjoni.

45. Dan premess, it-terminu ta' preskrizzjoni, li beda jiddekorri f'Jannar 1999, skada ħames snin wara, jiġifieri f'Jannar 2004. L-għan ta' dan it-terminu huwa li jistabbilixxi bil-quddiem perijodu li matulu tista' tiġi invokata r-responsabbiltà tal-Unjoni. Kull persuna li riedet timmina r-responsabbiltà tal-Unjoni minħabba l-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998, li kienet ġiet segwita bid-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999 li ġew adottati mill-awtoritajiet Taljani, kellha taġixxi matul dak il-perijodu ta' ħames snin wara li rċeviet l-imsemmija deċiżjonijiet. L-uniku mezz effettiv kif jiġi interrott dan it-terminu kien li jiġi ppreżentat rikors. Fil-fatt, l-Artikolu 340 TFUE ma jipprekludix li tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi kkonstatata, fil-prinċipju, ir-responsabbiltà tal-Unjoni minħabba danni imminenti u prevedibbli b'ċertezza suffiċjenti, anki jekk id-dannu jkun għadu ma jistax jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni [13].

46. Konsegwentement, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni għandu jiġi ffissat, f'dan il-każ, fid-data li fiha l-appellanti saru jafu bid-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999.

12 — Sentenza tat-23 ta' Novembru 1995 (C-476/93 P, Ġabra p. I-4125, punt 30).

13 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ġunju 1976, Kampffmeyer *et* vs KEE (56/74 sa 60/74, Ġabra p. 711, punt 6); tal-14 ta' Jannar 1987, Zuckerfabrik Bedburg *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (281/84, Ġabra p. 49, punt 14), kif ukoll id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2005, Arizona Chemical *et*. vs Il-Kummissjoni (T-369/03, Ġabra p. II-5839, punt 106).

47. Issa, kif diġà ġie indikat, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, li beda jiddekorri minn Jannar 1999 man-notifika tad-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999, skada f'Jannar 2004. Konsegwentement, ir-rikors, li ġie ppreżentat fis-27 ta' Ġunju 2006 quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jitqies bħala tardiv.

48. Għaldaqstant l-appell inċidentali tal-Kummissjoni għandu jintlaqa', filwaqt li l-bqija għandu jiġi miċħud, peress li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, fil-punti 46 u 47 tad-digriet appellat li, fil-każ ineżami, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri biss meta effettivament ikkonkretizza ruħu d-dannu wara l-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 1998 u, peress li l-Qorti Ġenerali kklassifikat it-tiġdid annwali tal-poloz ta' garanzija bħala ġrajjiet dannużi distinti, li jistgħu jtawwlu t-terminu ta' preskrizzjoni.

49. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi, fil-punt 75 tad-digriet appellat, meta ddikjarat ir-rikors parzjalment ammissibbli.

50. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi għaldaqstant lill-Qorti tal-Ġustizzja li:

— fir-rigward tal-appell inċidentali, tannulla d-digriet appellat inkwantu dan jiddikjara parzjalment ammissibbli r-rikors fl-ewwel istanza, u

— tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza bħala inammissibbli kollu kemm hu.

B – *Fuq l-ewwel sitt aggravji tal-appell prinċipali*

51. Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jressqu aggravji bbażati fuq motivazzjoni kontradittorja, ksur tal-ġurisprudenza Komunitarja, ksur tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, żnaturament tal-argumenti mressqa u żball ta' liġi.

52. Sa fejn nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tilqa' l-appell inċidentali tal-Kummissjoni u li tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli kollu kemm hu minħabba li tardiv, ma għadx hemm bżonn li jiġu eżaminati l-ewwel sitt aggravji tal-appell prinċipali fis-sentenza.

53. Għaldaqstant, huwa biss b'mod sussidjarju u għall-finijiet ta' eżawriment li ser neżaminahom hawnhekk. Barra minn hekk, peress li t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji jirrigwardaw id-dannu marbut mat-telf ta' profitt u mad-dannu morali, jeħtieġ li dawn jiġu ttrattati flimkien.

1. Fuq l-ewwel aggravju

54. L-ewwel aggravju tal-appell prinċipali tal-appellanti huwa bbażat fuq in-natura kontradittorja tal-motivazzjoni u ta' ksur tal-ġurisprudenza Komunitarja f'dak li jikkonċerna d-distinzjoni bejn il-kriterju proċedurali li jirrigwarda l-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni u l-verifika tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet biex tiġi kkonstatata r-responsabbiltà.

55. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-punt 55 tad-digriet appellat, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2006. Fil-fatt, sal-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-appellanti kienu f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u l-ammont tad-dannu subit, li kkonkretizza ruħu definittivament fl-2006 biss. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata wkoll meta bbażat ruħha, fil-punt 55 tad-digriet appellat, fuq il-konfużjoni bejn il-kriterju proċedurali dwar il-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni u l-konstatazzjoni dwar l-eżistenza tal-kundizzjonijiet biex tiġi kkonstatata r-responsabbiltà.

56. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu d-data tat-3 ta' Ottubru 2006, li hija d-data li fiha l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni li għalqet il-proċedura.

57. L-appellanti jsostnu, għaldaqstant, li t-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri ħafna wara li mmanifestaw ruħhom id-danni.

58. Issa, din l-analiżi għandha tiġi miċħuda għal diversi raġunijiet.

59. L-ewwel nett, jirriżulta mill-atti tal-appellanti stess li dawn tal-aħħar sofrew id-danni ħafna qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2006, Huma jsemmu, pereżempju, il-produzzjoni tal-poloz ta' garanzija, li seħħet fl-1999, li tinvolvi l-ħlas tal-primjums fid-dati indikati fil-poloz imsemmija. F'dan ir-rigward, wieħed ma jistax isostni validament li, minkejja l-eżistenza ta' dannu, jekk ikun preżunt li dan seħħ, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri biss seba' snin wara, jiġifieri fl-2006. Għaldaqstant, id-data rilevanti ma tistax tkun dik proposta mill-appellanti.

60. Barra minn hekk, it-terminu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri mill-mument li fih l-att li kkaġuna d-danni jitneħħa mill-ordinament ġuridiku. Dan huwa dak li tfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni[14], fir-rigward ta' deċiżjoni li ġiet annullata mill-qorti tal-Unjoni, filwaqt li osservat li huwa irrilevanti, għall-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, li l-aġir illegali tal-Unjoni jkun ġie kkonstatat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

2. Fuq it-tieni aggravju

61. L-appellanti jsostnu, f'dak li jikkonċerna l-preskrizzjoni tat-talbiet li jikkonċernaw l-ispejjeż ta' assistenza u konsulenza legali u l-ispejjeż tal-persunal inkorsi mill-appellanti, li l-motivazzjoni tad-digriet appellat huwa manifestament kontradittorju u li l-Qorti Ġenerali kisret il-ġurisprudenza stabbilita.

62. Dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. Kien ġust li fil-punt 71 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kklassifikat id-dannu li jikkonsisti fl-ispejjeż ta' assistenza u konsulenza legali kif ukoll fl-ispejjeż tal-persunal li kellhom isofru l-appellanti bħala dannu li huwa ta' natura istantanja u ddeduċiet minn dan in-natura tardiva tar-rikors fuq dan il-punt. L-appellanti jħalltu t-terminu li japplika għall-preżentata tar-rikors u ż-żmien meta seħħ id-dannu. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-analiżi tiegħi dwar il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, ir-rikors għall-kumpens kellu jiġi ppreżentat mhux iktar tard minn Jannar 2004, għal dak li jikkonċerna d-danni msemmija iktar 'il fuq ukoll, u dan ma kienx il-każ[15].

3. Fuq it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravju

63. It-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravju jikkonċernaw id-dannu allegatament subit fil-forma ta' telf ta' profitt u ta' dannu morali.

64. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-argumenti u kisret l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali meta ddikjarat inammissibbli t-talba għall-kumpens tad-dannu subit mill-appellanti fil-forma ta' telf ta' profitt.

14 — Iċċitata iktar 'il fuq (punt 31).

15 — Anki jekk wieħed jippreżumi li tali talba kienet ammissibbli, inħoss eżitazzjoni qawwija biex naċċetta l-possibbiltà li l-Kummissjoni tintalab tbati l-ispejjeż legali relatati mal-proċeduri nazzjonali, peress li r-responsabbiltà għal dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rregolati fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, C-481/07 P, punti 20 sa 26).

65. Barra minn hekk, skont ir-raba' aggravju, il-Qorti Ġenerali kisret il-ġurisprudenza u użat motivazzjoni manifestament illoġika f'dak li jikkonċerna l-preskrizzjoni tat-talba għall-kumpens tad-dannu morali.

66. Fl-aħħar nett, permezz tal-ħames aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali u l-ġurisprudenza fil-qasam tad-dannu morali, u li l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija manifestament illoġika, inkwantu din tal-aħħar iddeċidiet li t-talba għall-kumpens tad-dannu morali hija, fi kwalunkwe każ, inammissibbli.

67. Għal dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-ammissibbiltà tat-talbiet għall-kumpens tad-dannu li jikkonsisti fl-allegat telf ta' profitt u dannu morali, l-argumenti tal-appellanti lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet, fil-punti 74 u 80 tad-digriet appellat, billi bbażat ruħha fuq in-natura astratta tagħhom. Minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni tagħhom, huma ma jistgħux ikunu konformi mal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Issa huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jeħtieġ li jiġu prodotti provi suffiċjenti insostenn ta' talbiet li jirrigwardaw il-kumpens ta' dannu li jikkonsisti f'telf ta' profitt u f'dannu morali. Fil-fatt, għal dan it-tip ta' danni wkoll, huwa l-obbligu tal-appellanti li jipproduċu prova kemm dwar l-eżistenza ta' dak id-dannu kif ukoll tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik l-istima [16].

68. Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna n-natura allegatament kontinwa tad-dannu morali invokat, il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta ċaħdet dan fil-punti 77 u 78 tad-digriet appellat.

4. Fuq is-sitt aggravju

69. Permezz tas-sitt aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-kundizzjoni ta' kawżalità meta kkonkludiet li ma kienx hemm rabta kawżali bejn l-aġir li bih kienet akkużata l-Kummissjoni u d-dannu allegat f'dak li jikkonċerna t-talba għall-kumpens tad-dannu li jirriżulta mill-ħlas tal-primjums marbutin mal-produzzjoni ta' poloz ta' garanzija, inkwantu din it-talba tqieset ammissibbli.

70. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, issostni li l-aggravju huwa, fi kwalunkwe każ, manifestament kompletament infondat fid-dritt.

71. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-aggravju jirrigwarda l-unika parti tar-rikors li ġiet iddikjarata ammissibbli mill-Qorti Ġenerali. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-analiżi tiegħi dwar il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, id-digriet appellat ikollu, fi kwalunkwe każ, jiġi annullat fir-rigward ta' dan il-punt anki minħabba l-appell inċidentali ppreżentat mill-Kummissjoni.

72. Għal kull buon fini nosserva, f'dak li jikkonċerna r-rabta kawżali, li l-Qorti Ġenerali kienet korretta meta kkonstatat, b'analoġija mas-sentenza Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fil-punt 92 tad-digriet appellat, li l-għażla li jipproduċu polza ta' garanzija kienet tħalliet fid-diskrezzjoni tal-appellanti u ma kinitx ta' natura obbligatorja skont id-deċiżjonijiet nazzjonali ta' rkupru tal-15 ta' Jannar 1999. Fil-fatt, kieku l-appellanti għażlu li jirrimborsaw immedjatament is-sussidji fuq l-esportazzjoni, huma kienu jevitaw li jkollhom iħallsu l-ispejjeż marbutin mal-produzzjoni ta' dawn il-poloz. Barra minn hekk, kif ikkonstatat il-Kummissjoni waqt is-seduta, f'dan il-każ ineżami, l-ammonti kkonċernati kienu tħallsu lura lill-appellanti flimkien mal-interessi. Għaldaqstant, is-sitt aggravju jidher manifestament infondat, b'tali mod li nipproponi li jiġi miċħud ukoll.

16 — Ara s-sentenza SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37). Huwa madankollu minnu li f'ċerti kawżi dwar il-persunal tal-istituzzjonijiet, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqgħu tali talbiet mingħajr madankollu ma ppreċiżaw fid-dettall il-kriterji meħudin ikunsiderazzjoni biex isir il-kalkolu.

73. Minn dan isegwi li ebda wieħed mis-sitt aggravji msemmija fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet ma huwa fondat. Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

C – *Fuq is-seba' aggravju*

74. Permezz tal-aħħar aggravju tagħhom, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla d-digriet appellat minħabba ksur tal-prinċipju ta' dewmien raġonevoli tal-proċedura.

75. Prinċipalment, l-appellanti jsostnu li fid-dawl tal-oriġini fattwali u proċedurali tal-każ ineżami, ma għandhiex tiġi applikata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fil-każijiet ta' dewmien eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, tissuġġetta l-possibbiltà li jinkiseb l-annullament ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali għall-kundizzjoni li jiġi pprovat li d-dewmien eċċessiv tal-proċedura kellu effett fuq id-deċiżjoni tal-kawża, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jinkiseb kumpens għad-dannu kkaġunat minħabba d-dewmien eċċessiv tal-proċedura skont l-Artikoli 235 KE u 288 KE.

76. Sussidjarjament, l-appellenti jaffermaw li d-dewmien eċċessiv tal-proċedura kellu, fi kwalunkwe każ, effett fuq l-eżitu finali tal-kawża.

77. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha bili tinvoka l-inammissibbiltà tagħhom.

78. Ninnota li l-aggravju bbażat fuq il-fatt li nqabeż iż-żmien raġonevoli sabiex tingħata s-sentenza, f'dak li jikkonċerna l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, ma ġiex ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali [17]. Fil-fatt, l-appellanti lanqas kellhom l-okkażjoni jagħmlu dan quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li din iddeċidiet permezz ta' digriet mingħajr ma organizzat seduta.

79. Għandu jitfakkar li, għalkemm in-nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, ta' terminu raġonevoli sabiex tingħata sentenza, jekk ipprovat, jista' jagħti lok għal talba għad-danni permezz ta' rikors ippreżentat mir-rikorrent kontra l-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet meħuda flimkiem tal-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Artikolu 113(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi illi, fil-kuntest ta' appell, it-talbiet tal-appellant għandhom isiru għall-annullament, totali jew parzjali, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, u, jekk ikun il-każ, sabiex tingħata deċiżjoni, totalment jew parzjalment, dwar it-talbiet imressqa fl-ewwel istanza [18]. Madankollu, il-każ hawn huwa differenti.

80. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli sabiex tingħata s-sentenza kellu effett fuq id-deċiżjoni tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, dan jista' jiġi invokat insostenn tal-aggravju għal annullament fil-kuntest ta' appell. F'dan il-każ, fin-nuqqas ta' kull indizju li t-tul tal-proċeduri kellu impatt fuq id-deċiżjoni tal-kawża, l-aggravju bbażat fuq l-allegazzjoni li l-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali qabżu r-rekwiżiti marbuta mal-osservanza tat-terminu raġonevoli ma jistax iwassal għall-annullament tad-digriet mogħti minnha u għalhekk għandu jiġi ddikjarat inammissibbli [19].

81. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal annullament li l-appellanti ppreżentaw permezz tas-seba' aggravju fil-kuntest ta' dan l-appell għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

17 — Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, Ġabra p. I-6155, punt 195)

18 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra p. I-6513, punt 205).

19 — Sentenza FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, (punti 203 u 211).

VI – Konklużjoni

82. Bħala konklużjoni, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Id-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, tal-4 ta' Settembru 2009, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (T-174/06) huwa annullat inkwantu jiddikjara, fil-punt 75, ir-rikors ammissibbli għal dak li jikkonċerna t-talbiet għall-kumpens tad-dannu materjali li jikkonsisti fit-telf ikkaġunat minħabba l-ħlas tal-primjums marbutin mal-poloz ta' garanzija u dovuti b'effett mis-27 ta' Ġunju 2001.

2) L-appell prinċipali u l-kumplament tal-appell inċidentali huma miċħuda.

3) Ir-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej minn Inalca SpA – Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA fil-kawża T-174/06 huwa miċħud kollu kemm hu bħala inammissibbli.

4) Inalca SpA – Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż inkorsi mill-Kummissjoni Ewropea, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest ta' dan l-appell.